# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 77/17MH**

**Illum 29 ta' Mejju, 2017**

**Z.T.C s.r.l. socjeta' registrata f'Catania, Italia (REA Catania n. 196977)**

**vs**

**IT Solutions Limited (C 45485)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici** tal-24 ta' Jannar 2017 fejn gie premess:

*"1. Illi s-socjeta' attrici ilha ghal diversi snin tiffornixxi lis-socjeta' konvenuta b'merkanzija relatata ma' sistemi tad-dawl elettriku.*

*2. Illi s-socjeta' attrici kienet tohrog fattura max-xoghol li kien jigi konsenjat Malta u bnadi ohra u s-socjeta' konvenuta kienet taghmel pagamenti regolari akkont kif jidher mir-rendikont anness bhala* ***Dok AC 1*** *fejn il-partiti ndikati*

*taht l-intestatura Imp. dare jirraprezentaw fatturi waqt li l-partiti taht l-intestatura Imp. avere jirraprezentaw pagamenti u credit notes.*

*3. Illi l-ammont li ghadu dovut fuq il-fatturi indikati huwa ta' tletin elf tmien mija hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u sebghin centesmi (£30,825.72) kif jidher mill-istess Dok AC1.*

*4. Illi s-socjeta attrici ilha mit-30 ta' Gunju 2015 ma taghmel pagament akkont kif jidher mill-istess Dok AC1 u dana minkejja diversi promessi ta' pagament.*

*5. Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas il-bilanc dovut ta €30,825.72 bl-ittra legali tal-20 ta' Gunju 2016, kopja* ***Dok AC2****, izda minkejja xi korrispondenza bejn l-avukati kif jidher mill kopja* ***Dok AC3*** *u tentattiv ta' laqgha, liema laqgha thassret mis-socjeta' konvenuta, ma thallas assolutament xejn mil-bilanc dovut.*

*6. Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett kollu li din l-Qorti tikundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' €30,825.72 lilha dovuta bhala bilanc ta' somma akbar skond ir-rendikont Dok AC1 flimkien mal-imghax b'effet mit-30 ta' Gunju 2015, data tal-ahhar pagament akkont.*

*Bl-ispejjes inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta ingunta minn issa in subizzjoni fil-persuna tad-diretturi taghha."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata bl-atti fl-14 ta' Marzu 2017[1] baqghet kontumaci.

Rat illi fit-30 ta' Marzu 2017 is-socjeta' attrici kkoncediet estensjoni tat-terminu biex is-socjeta' konvenuta tikkontesta l-kawza sal-20 t'April 2017[2].

Rat illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma ressqitx risposta guramentata u lanqas deher rapprezentant taghha fis-seduta tal-21 t'April 2017 minkejja li kienet imsejha diversi drabi.

Rat illi waqt l-istess seduta d-difensur tas-socjeta' attrici kkonferma f'isem il-klijenti tieghu li s-socjeta' konvenuta baqghet ma ghamlet ebda pagament sa dakinhar tas-seduta.

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirriżultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

**1. Tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tletin elf tmien mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€30,825.72) rapprezentanti l-bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta` attrici fir-rigward ta' merkanzija relatata ma' sistemi tad-dawl elettriku fornuti mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta;**

[1] Fol 9
[2] Nota a fol 22

**2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghal hlas tal-imghax legali b'effett mit-30 ta' Gunju 2015 (id-data tal-ahhar pagament akkont) sad-data tal-pagament effettiv;**

**3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**